M'hix tirbaħ iżjed dment li galilew,
xagħru ħamrani, fuq Kampidolju tela',
salib xeħtilha fuq dirgħajha u qallha:
"Dan erfa' w qim."

Ħarbu bikkejja jistaħbew fix-xmajjar
in-ninfi, u ġo qoxriet is-siġar tagħhom;
inkella, bi twerżiqa, fix-xejn għebu,
bħal sħab fil-għolja,

X'ħin ġemgħa nies imberfla minn ġot-tempji
bojod, imneżżgħa u bil-kolonni mġarrfa,
għaddiet bil-mod, imlibbsa xkejjer suwed,
tgorr litanija,

u fuq l-egħlieqi li jdamdmu bix-xogħol
tal-bniedem u fl-irdum li jaf l-imperu
għamlet deżert u dad-deżert sejħitlu
renju tas-sema.

Firdu mill-moħriet safi l-ġnus, mix-xjuħ
l-ulied, l-irġiel miż-żgħażagħ nisa tagħhom,
kull fejn ix-xemx imqaddsa kienet tbierek
lesti biex jisħtu

Lesti biex jisħtu l-ħidma ta' dil-ħajja
u ta' l-imħabba, huma, f'thewdin, bdew jilmħu
irbit qalil u ta' tbatija m'Alla
f'għerien u rdum.

Niżlu fl-irħula b'xewqa ta' tgħakkis,
sakrana, u f'ġeġwiġija tat-twerwir,
talbu bil-ħrara l-imsallab, midinba,
li jkunu mkasbra.

Is-sliem għalik, kwieta fi xfar l-Ilissu
u sħiħa u dritta ħdejn ix-xtut tat-Tebru,
o ruħ il-bniedem: Żmien id-dlam iss'għadda,
stenbaħ u saltan.

U lilek, omm il-għoġol qatt għajjien
ikisser l-art u jħaddem raba' mserraħ,
omm żwiemel ħorox li jiżhru fil-gwerra,
omm twajba Italja,

omm il-ħafur u l-għenba u l-ħaqq ta' dejjem,
omm arti mqima, għaxqa tal-ħajja, lilek
insellem, lilek l-għana tat-tifħir
antik inġedded.



Bl-għanja, l-għoljiet jifirħu w il-bosk u x-xmajjar
ta' l-Umbrja ħadra: minn quddiemna jdaħħan,
ħabbâr ta' ħidmiet ġodda, u jsaffar mgħaġġel
vapur ta' l-art.

14 ta' Novembru, 1986

## *Francis Ebejer*



WIEĦED MILL-IMSEĦBIN ta' l-Akkademja tal-Malti li hu magħruf sewwa barra minn Malta hu Francis Ebejer. Għalhekk ġie li jissemma f'ġurnali barranin u Maltin.

Fil-bidu ta' Mejju 1986, l-Università ta' Avignon fi Franza organizzat kollokju internazzjonali fuq Pirandello. Waħda mit-taħditiet saret minn Francis Ebejer innifsu dwar "Pirandello u Malta". Ftit qabel ġiet ippreżentata t-traduzzjoni bil-Franċiż tad-dramm tiegħu "Vaganzi tas-Sajf" minn Albert Favre, professur tal-letteratura Ingliża fl-istess Università. Il-belt ta' Avignon tat ġieh lid-drammaturgu Malti bil-Medalja tagħha.

F'Lulju ta' dis-sena Francis Ebejer issemma mill-ġdid. Din id-darba kien mistieden mill-belt Taljana ta' Senigallia, qrib Ancona, fejn kellha ssir il-preżentazzjoni bit-Taljan ta' l-istess dramm "Vaganzi tas-Sajf". Din it-traduzzjoni saret mill-Prof. Vincenzo Piermattei li f'idejh kienet ġiet it-traduzzjoni Franċiża tad-dramm maħduma minn Dr. Georges Barthouil.